# Karti Jitkellmu

Tony Terribile

Meta ftit taż-żmien ilu kien qed isir xogħol ta' restawr fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tagħna għaddewli kaxxa mimlija karti u reġistri marbuta mal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament imwaqqfa fil-Parroċċa fl-1919.



Mal-ewwel daqqa t'għajn indunajt mill-karti qodma jikkonsistu f'korrispondenza, irċevuti u dokumenti oħra marbuta ma' din il-fratellanza.

Xi wħud minnhom kienu marbuta f'file u merfugħa bla ebda kronoloġija.

Illum nista' ngħid, wara kważi xahrejn, li kull karta hemm storja warajha u għalhekk hu l-ħsieb tiegħi li issa niġbor kollox b'ordni kronoloġiku u nqiegħed kollox fl-arkivju tal-Parroċċa u merfugħa fl-uffiċċju parrokkjali bħala parti mill-istorja tal-Parroċċa. Iżda għal din is-sena ħsibt li nislet xi wħud minn dawn il-karti storiċi u nitkellem dwarhom.

Osservajt l-ewwel nett kemm fl-imgħoddi kien hemm kuntatt reċiproku bejn il-fratellanza tagħna u dik ta' Stella Maris billi sibt diversi stediniet biex il-fratelli tagħna jieħdu sehem fil-purċissjonijiet ewkaristiċi li jsir f'dik il-parroċċa u kif ukoll fil-purċissjoni ta' Stella Maris. Tant kienet qawwija din ir-rabta, li wara li fil-gwerra ntilef il-baldakkin tal-knisja tagħna, kienu jissellfu dak ta' Stella Maris.

Rabta oħra qawwija bejn dawn iż-żewġ fratellanzi, hija l-istedina għall-festa ta' Corpus li saret f'dik il-Parroċċa fis-27 ta' Mejju 1948 meta l-partijiet tal-Parroċċa tagħna, immexxija mill-provinċjal, Parti Anġeliku Azzopardi OFM mexxew il-funzjonijiet kollha inkluża l-purċissjoni li kienet tinżel ix-xatt.



F'Jannar 1945 il-Parroċċa ta' Stella Maris iċċelebrat il-Missjoni l-Kbira. Hawn ukoll il-fratelli tagħna ħadu sehem bis-sħiħ.

L-istess nistgħu ngħidu li għamlu meta fl-1949 il-Parroċċa ta' San Girgor iċċelebrat Kungress Ewkaristiku Parrokkjali.

Sibt ukoll stedina mingħand il-Kappillan tal-Gżira Dun Pawl Galea biex il-fratellanza tagħna tieħu sehem fil-purċissjoni ta' Corpus li saret fil-Parroċċa tal-Gżira fl-1948.

Semmejt diġà l-baldakkin. Jidher li wara l-gwerra l-fratelli bdew jaħsbu biex jagħmlu wieħed ġdid u għalhekk sibt talba lill-uffiċċju tal-Lottu Pubbliku magħmula fil-bidu tas-sena 1945 biex jagħmlu lotterija ta' għaxar liri.

Din saret wara li qalgħu l-permess u rebħitha s-Sinjura Vella li kienet toqgħod fid-dar imsemmija Emily, Triq Isouard.

Fl-1946 il-Fratellanza bdiet korrispondenza mad-ditta Tanfani u Bertarelli ta' Milan għax-xiri tal-baldakkin li għandna llum.

Sibt ukoll il-lista tal-fratelli li kienu inkarigati mill-bejgħ tal-biljetti tal-lotterija li saret. Aktar tard saru wkoll il-bankuni. Sibt id-disinn flimkien mal-irċevuta meta dawn saru fl-ewwel snin tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor.

Laqtuni wkoll numru ta' rċevuti maħruġa mil-landiera Bezzina u Xuereb ta' Triq San Duminku l-Belt, li dawn għal diversi drabi ħadmu l-fanali tal-vjatku bil-prezz ta' disa' xelini-l wieħed. Hekk turi l-irċevuta tat-8 ta' Jannar 1944.

Fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, il-fratellanza għandha l-oqbra tagħha. Mid-dehra dawn inxtraw qabel il-gwerra għaliex fid-19 ta' Frar 1939 sar ftehim bejn il-Kappillan Patri Franġisk Montebello OFM li kien id-direttur spiritwali tal-fratellanza u l-artist Manwel Borg Gauci, biex dan jaħdem l-istatwa ta' San Baskal għal fuq dawn l-oqbra bi prezz ta' għoxrin lira, u dakinhar li sar il-kuntratt tawh is-somma ta' ħames liri.

Meta fil-gwerra nqerdet is-sagristija l-fratelli tilfu

wkoll l-istatwa ta' San Baskal. Il-fratelli bdew jirsistu biex il-patrijiet jagħtuhom l-istatwa ta' dan l-istess qaddis li kellhom fil-kunvent tar-Rabat.

Din kienet saret minn Ġużeppi Mallia li kienu jgħidulu l-Lhudi. Kien artist tajjeb tal-kartapesta u din l-istatwa nħadmet fl-1913 għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar Malta f'dik is-sena u kienet għall-knisja tal-Belt fejn kienu jiltaqgħu l-kongressisti Spanjoli.
Sibt ittra miktuba fit-18 ta' Settembru 1947 lill-Gwardjan tal-kunvent tar-Rabat biex dan iċedi din l-istatwa lill-fratellanza.

Il-Gwardjan Patri Mikiel Catania OFM wieġeb din l-ittra fis-26 ta' Novembru 1947, fejn f'isem il-komunità ta l-approvazzjoni biex isir l-għoti ta' din l-istatwa taħt ċerti kundizzjonijiet iżda mid-dehra din l-għotja ma saritx mill-ewwel għaliex din l-għotja saret fl-1959 fi żmien il-Gwardjan tar-Rabat Patri Franġisk Dingli OFM. Hekk tikkonferma ittra li sibt qalb dawn il-karti.

Għad baqali nifli u nara aktar karti u persważ li toħroġ aktar bid-deher l-istorja ta' din il-fratellanza. L-istess nista' ngħid għall-kotba tal-minuti li sibt f'din l-istess kaxppxa li jmorru lura fis-snin bil-waqfa fis-snin tal-gwerra. Hawnhekk inħoss li għandi nagħti kliem ta' foħrija lill-membri u uffiċjali li mexxew lil din il-fratellanza matul il-mixja tas-snin, għaliex minn dak li rajt f'dawn il-karti, u minn dawk li baqagħli nara, it-tmexxija kienet tajba u organizzata għall-akbar glorja ta' Ġesù Ewkaristija.


Don Mesquita

Cafe & Wine Bar
5A Mesquita Sqr. Mdina.

For bookings call :
Mob: 79897789 • Tel: 27026640

We take bookings for private Functions.

An experience not to be missed.



Portughes
Laundry & Drycleaning

21 444 444
www.portughes.com • info@portughes.com
Mriehel Industrial Estate, Mriehel BKR 3000
fax: 21 490 000 • mob: 99 456 640